


# Granmastru Ferdinand Von Hompesch

Kitba Joseph C Camilleri

Mis-sena 1530 sas-sena 1798 Malta kellha 28 granmastru. L-aħħar wieħed kien Ferdinand von Hompesch. Dan miet fit-12 ta' Mejju 1805 f'Hotel Guidais f'Montpellier Franza. Miet permezz ta' attakk qawwi ta' asthma, imdawwar b'numru **żgħir** ta' kavallieri.

## Von Hompesch

Il-familja von Hompesch kienet **ġejja** minn territorju **żgħir Ġermaniż** bejn il-bliet ta' Dusseldorf u Aachen. Il-familja kellha ssib l-oriġini tagħha mis-seklu 12. Heinrich von Hompesch sar Prinċep fil-qorti ta' Julich u maż-żmien din il-familja nfirdet **f'żewġ** taqsimiet – fergħa Bollheim u fergħa Rurich. Il-familja tal-granmastru kienet dik ta' Bollheim. Dawn bnew il-kastell tagħhom f'Bollheim. Ferdinand twieled fid-9 ta' Novembru 1744. Kien l-iben iż-żgħir tal-Baruni Francis u l-Barunessa Antonetta de Hacke (jew Hack). Billi ommu mietet, missieru reġa' **iżżewweġ** din id-darba lill- Markiża Maria Theresa von Hoensbroich. **Ħu** missieru kien iżżewweġ lil Isabella von Byland-zu-Rheidt. Għalih din il-mara kienet it-tieni omm.

Il-**ġenituri** ta' Ferdinand riedu lil binhom jidħol mal-Ordni. Ferdinand daħal bħala paġġ tal-Granmastru Pinto. Ta' 26 sar membru tal-Ordni. Warajh kienu daħlu diversi membri tal-familja von Hompesch. Hu kellu diversi **ħatriet** fl-Ordni. Xi wħud minn dawn il-**ħatriet** damu sena jew ftit aktar. Fis-6 ta; Frar 1776 sar Gran Kruċ. Hu kellu l-palazz tiegħu li kien bejn it-toroq **Żekka** u Teżor fil-Belt Valletta. Illum l-ispazju ta' dan il-palazz hu okkupat mill-Iskola ta' St Albert the Great College. Fis-sena 1787 sar Bailiff u 9 snin wara Grand Bailiff. Tliet snin wara sar Granmastru.

## Ħajja bħala kavallier

Ferdinand von Hompesch għamel sentejn jaħdem fid-diplomazija. Hu ħadem fil-qorti tal-Imperatur Franġisku II ta' l-Awstrija. Hawn għamel kuntatti ma' ħafna diplomatiċi oħra. Il-ħbiberija kompliet anke meta laħaq Granmastru. Barra mid-diplomazija hu kien magħruf għad-deċiżjonijiet li jieħu. Kien hu li iddeċieda li l-Ordni ta' San Anton ta' Vjenna u l-Prijatura tal-Polonja ma jkunux parti mill-Ordni ta' San Ġwann. Dan seħħ fis-sena 1776. barra minn hekk Ferdinand von Hompesch żamm iebes id-deċiżjoni tal-Granmastru De Rohan biex iżid it-taxxi fuq id-dħul tal-kavallieri. Hu ġie arrestat iżda ġie meħlus minħabba li l-Granmastru beża li kien ser ikun hemm inkwiet mal-Imperatur Franġisku II tal-Awstrija.



## Flus

Hu kien bniedem ġeneruż u kien jagħti karità lill-istituti Maltin, lis-sorijiet tal-klawsura u monasteri. Kien iħallas ukoll l-edukazzjoni ta' ulied il-ħaddiema tiegħu. Iżda l-finanzi tal-Ordni kienu baxxi ħafna u għalhekk bħala granmastru kien qed jgħix bil-kreditu. Hu ħaseb li ser isolvi din il-problema permezz ta' ftehim mat-Tzar Paul I tar-Russja. Hu kien jaf l-ilsien Malti u kien jersaq lejn il-poplu Malti. Din il-popolarità ġiet imsarrfa fl-għotja tat-titli ta' bliet fi tliet ċentri Maltin – Ħaż-Żabbar (Citta` Hompesch) , Siġġiewi ( Citta` Ferdinand) u z-Żejtun ( Citta` Beland). Hu kien jagħmel minn kollox biex iżur l-irħula Maltin fil-festa tar-raħal tagħhom. L-istudjuż Żabbari Carmel G Bonavia jgħid hekk: Never a Grand Master was seen to be so near the common people as Hompesch: perhaps he was investing in popular support in the coming storm.

## Invażjoni Franċiża

Fi triqtu lejn l-Eġittu l-Ġeneral Napuljun Bonaparte fl-1798 ħa lil Malta. Din kienet waħda mill-ħolm tiegħu biex Malta ma ssirx parti mill-imperu Russu, Awstrijak jew Ingliż. Hompesch għamel erba' żbalji kbar waqt din l-invażjoni. L-ewwel, hu qabel li l-forzi tal-Ordni jinfirxu matul il-kosta. Hu ma riedx jaf dak li kien qed jgħidu xi kavallieri li kellhom jingħalqu f'fortizza fil-belt Valletta mat-truppi leali Maltin. Hu bagħat delegat biex jinnegozja li ma kienx kapaċi jiddefendi l-interessi tal-Ordni. Fl-aħħar nett għadda d-dokument ta' kapitazzjoni mill-Kunsill tal-Ordni. Milli jidher Von Hompesch kien fi stat ta' paniku. Tant li Kavallier De la Gueriviere qal li qatta l-jum kollu jibki fuq pultruna fil-kumpanija ta' Vialli de Neveu.

Hu ħalla Malta ħamest ijiem wara, ħa miegħu dawn ir-relikwi mingħajr it-tiżjin prezzjuż tagħhom. Dawn kienu biċċa mis-Salib Imqaddes, l-id ta' San Ġwann u l-Madonna ta' Filermo. Napuljun wiegħdu prinċipat u pensjoni ta' 300,000 livre Franċiżi. Miegħu telqu 16-il kavallier. Marru Trieste wara vjaġġ ta' 39 jum. Hu baqa' jżomm id-dritt tiegħu bħala Prinċep ta' Malta. Minn Trieste mar Neustadt, Gortchard u Fermo. Il-Papa biss baqa' jgħinu finanzjarment. Billi Fermo kienet wisq umda għalih mar Citta` di Castello.

## Flus minn Franza

Hu baqa' jitlob il-flus li kien wegħdu Napuljun. Sab l-għajnuna ta' M Cacault, l-ambaxxatur Franċiż għal Ruma, ta' Letizia omm Napuljun, tal-Kardinal Joseph Fesch iz-ziju ta' Napuljun u Ministru Franċiż għal Ruma, tal-Papa Piju VII u ta' Charles Talleyrand il-Ministru Franċiż tal-Affarijiet Barranin. Fl-aħħar Napuljun tah it-300,000 livre u stiednu biex imur joqgħod f'Montpellier. F'dan il-post kellu waħda mill-isbaħ djar – Maison du Jardin Guidais sous le



Peyreu. Miegħu issa kellu ftit kavallieri u sitta min-nies. Fit-25 ta' Diċembru 1804 daħal ma' Devte et Royale Compagnie des Penitents Bleus.
Hu miet fit-12 ta' Mejju 1805 fl-età` ta' 61 assistit mill-kappillan Dun Vincente Spullier. Ġie midfun fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja tal-għaqda li daħal membru fiha.

## Għall-Maltin

Dan l-aħħar granmastru hu kkunsidrat bħala wieħed nieqes mill-**ħila** tat-tmexxija. Laferla qal *A wee irresolute man without the foresight so indispensable in his parlous position, he was not the ruler to face the oncoming storm.* Kittieb ieħor Malti jgħid hekk: *Never was the Order so unwise in the election of its grandmasters. Hompesch was not the man who could stop the tide that was coming.* (Laspina 1955)
L-istess storja nsibuha mill-kittieba Ingliżi. Bradfort jgħid hekk: *...von Hompesch displaying an irresolution that seems scarcely credile.* Waqt li Brockman jsejjaħ l-għadir tal-granmastru waqt l-invażjoni bħala " *the betrayal of the Grandmaster Ferdinand von Hompesch to Bonaparte.* Seta' l-granmastru jżomm iebes kontra armata hekk kbira tal-Franċiżi? Setgħu s-swar iżommu iebes mingħajr mal-poplu **jċedi**? Tgħid Napuljun kien jaf sewwa li jekk dan il-granmastru kellu aktar **żmien ma** kienetx ser tkun impossibbli li Franza tieħu Malta. Minkejja dan kollu l-granmastru kien **ġabha żewġ** fit-Trattat ta' Amiens meta Malta kellha tkun mill-**ġdid** għand l-Ordni. Iżda wara anke` l-Papa telaq lill-granmastru u **ħatar** lil Tommasi minfloku !

## Referenzi:


Carmel G Bonavia, Malta's Last Grand Master: Ferdinand von Hompesch, Sunday Times 3-IX-1995

W Porter, History of the Knights of Malta, 1858 Vol 2

R Cavaliero, The last of the crusades, 1960

A V Laferla, The Story of Man in Malta, Malta Aquilina 1972

Mgr S Laspina, Outlines of Maltese History, Malta Aquilina 1955

Mgr Arthur Bonnici, History of the Church in Malta Vol II Malta Empire Press 1968

Eric Brockman, Last Bastion, Malta Progress Press 1975

Adrianus Koster, Ferdinand von Hompesch the scapegoat of Maltese Historians, 40 years Federal Republic of Germany 1989

Ernle Bradfort, The Shield and the Sword, London Fontana/Collins, 1974

Nicolas Saudray, My view on Hompesch, 40 years Federal Republic of Germany 1989